MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 217/2014

Appell Nru: 217/2014

Il-Pulizja

(Spettur Maria Stella Attard)

Vs

Stephen John Ciantar Barbara

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Stephen John Ciantar Barbara, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 58486M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-27 ta' Ottubru, 2013 ghall-havta tal-01:00hrs fi Triq Ta' Buaqqana, Limiti tar-Rabat:

1. Saq vettura Nru. SCB-186 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda).
2. Saq l-imsemmija vettura Nru. SCB-186 minghajr ma kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-6 ta' Mejju, 2014, fejn il-Qorti fuq kunflitt ta' provi lliberat lill-imputat;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Mejju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, thassar u tirrevoka is-sentenza appellata billi tghaddi sabiex issib lill-imputat hati sal-imputazzjonijeet migjuba kontrih u konsegwenetement tghaddi sabiex tinfliggi piena li hija ekwa u gusta konsiderando ic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-14 ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravate bihom b'mod car u manifest in kwantu d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn illiberat lill-akkuzat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu minhabba kunflitt ta' provi.

Illi l-ewwel onorabbli Qorti lliberat lill-akkuzat minhabb kunflitt ta' provi stante li l-lok ta' fejn sehh dan ir-reat ma kienx indikat b'mod korrett fic-citazzjoni. Waqt is-seduta, id-difiza qajmet il-punt li Triq Ta' Buqana ma tezistix izda tezisti l-area ta' Buqana. Fuq dan ir-ragunament l-Ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-akkuzat fuq kunflitt ta' provi li jinkombi fuq il-lok ta' fejn sehh ir-reat.

Illi a kuntrarju ta' dak li gie eccepit mid-difiza u ta' dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorit, jekk wiehed semplicement jagheml Google Map Search wiehed mill-ewwel jintebah u jasal ghall-konkluzjoni li Triq Ta' Buqana verament tezisti. Konsegwentement, l-Ewwel Onorabbli Qorti bl-ebda mod ma setghet tillibera lill-akkuzat fuq konflitt ta' provi.

Illi fic-citazzjoni jidher li kien hemm lapsus calami meta giet ikkwotata t-triq ta' fejn sehh ir-reat. Dan ghaliex fic-citazzjoni hemm miktub 'Triq Ta' Buqqana, minflok 'Triq Ta' Buqana'. Hawnhekk ghandu jinghad li dan l-izball huwa sempliciment lapsus calami ta' meta wiehed kien qieghed jittajpja u bl-ebda mod ma jannulla c-citazzjoni hekk kif se jigi spjegat. Hawnhekk huwa tajjeb li wiehed jara x'inhi n-natura, funzjoni, sinifikat u l-effetti legali tac-citazzjoni. Ic-citazzjoni hi sempliciment 'avviso a comparire' u cioe' ordni sabiex l-imputat jidher quddiem il-Qorti. Il-Kodici Kriminali, fl-artikolu 360(2) jindika x'ghandu jkun fiha ic-citazzjoni, u cioe';

Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.

Illi hawnhekk tejjeb li wiehed jaccenna ghall-fatt li kemm il-ligi u kif ukoll il-Qrati Maltin riedu, kemm jista' jkun, ikunu prattici fl-applikazzjoni tal-artikolu su citat u ma riedux jintilfu fuq kwistjonijiet, formalizmi u problem teknici u procedurali, a skapitu li ssir gustizzja. Ghal dan il-ghan tajjeb li wiehed jirrimarka li fis-sistema procedurali Maltija, il-process penali huwa wiehed li jistriqh fuq ix-xhieda viva voce, fil-prezenza tal-imputat, u mhux konfinat, ristrett u cirkoskritt minn procedure li

jsiru bil-froma miktuba a skapitu tal-espressivita' tal-process kondott viva voce fil-prezenza tal-imputat u ta' dawk li jridu jiggudikaw fuq ilfatti. Dan il-principju gie ribadit f'diversi sentenzi fejn inghad li c-citazzjoni m'hemmx ghalfejn issir skond xi formula sagramentali bil-precizjoni kollha. F'dan il-kuntest wiehed jista' jaghmel referenza ghas-sentenza il-Pulizija vs Frank Borg moghtija fis-sitta (6) ta' Marzu tal-elf disgha mija erbgha u hamsin (1954) fejn intqal li:

Il-gudizzji sommarji c-citazzjoni ma hix hlief ordni ta' komparizzjoni, u l-enuncjazzjoni tal-fatti kontenuti fiha ma hix il-bazi essenzjali u assoluta tal-inkriminazzjoni.

Illi in segwitu ta' dak li ghadu kif inghad, il-fatt li kien hemm lapsus calami meta gie ittajpjat l-isem tat-triq, bl-ebda mod ma jgib in-nullita' tac-citazzjoni hekk li c-citazzjoni ma tikkostitwixix il-bazi essenzjali u assoluta tal-inkriminazzjoni. Il-lapsus calami bl-ebda mod ma jnissel dubju jew dilemma fl-imputat ta' fejn sehh ir-reat u ghalhekk bl-ebda mod ma jimpingi fuq id-drittijiet tal-imputat. Fis-sentenza *il-Pulizija vs Spiru Spiteri* moghtija nhar it-tmintax (18) ta' Marzu tal-elf disgha mija hamsa u hamsin (1955) gie ritenut li:

Ic-citazzjoni fil-gudizzji sommarji kriminali tista' tigi korretta; u ma tistax tigi accettata l-eccezzjoni ta' nullita' tac-citazzjoni minhabba li difett li jkun fiha. Biss l-imputat ghandu dritt jitlob differiment tal-kawza, jekk bl-izball li kien hemm fic-cirkostanzi huwa seta' gie zvijat, biex ikun jista' jipprepara ruhu ahajr ghad-difiza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) il-pulizija waqqfu lill-appellat Steven John Ciantar Barbara jsuq il-vettura SCB 186 minghajr ma l-licenzja kienet imgedda u minghajr assikurazzjoni fi Triq ta' Buqana, limiti tar-Rabat.

B'sentenza moghtija fis-sitta (6) ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati illiberat lill-appellat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu peress illi qalet illi Triq ta' Buqana ma tezistix izda tezisti Triq il-Buqana.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ipotesi tal-ligi kif ukoll tal-fatti. Però permezz tal-verbal tas-seduta tas-sitta (6) ta' Novembru tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellat eccepixxa n-nullità tal-appell tal-Avukat Generali peress illi gie ipprezentat fuori termine kif ukoll in-nullità tal-istess rikors peress illi l-Avukat Generali ghandu poteri limitati biex jappella mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza originali taghha.

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tal-elfejn u hmistax (2015) l-Avukat Generali irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni dwar id-dritt tieghu ta' appell izda ma ghamel ebda riferenza ghall-ewwel eccezzjoni illi l-appell tieghu gie ipprezentat "fuori termine".

Ikkunsidrat:

Is-sentenza tal-Magistrati nghatat fis-sitta (6) ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (2014). In-nota giet ipprezentata fit-tmienja (8) ta' Mejju, kwindi fit-terminu stabbilit mil-ligi mill-artikolu 414(1). Skont it-timbru fuq in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija din waslet fl-ufficcju tal-Avukat Generali L-Erbgha, erbatax (14) ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (2014). L-artikolu 417(1) tal-Kap 9 jistipula illi l-Avukat Generali ghandu jipprezenta r-rikors tal-appell tieghu fi zmien tmint (8) ijiem tax-xoghol minn dakinhar li rcieva l-atti tal-kawza. Skont il-kawza "Il-Pulizija versus Biagio Muscat" deciza fl-erbatax (14) ta' Novembru elfejn u tlettax (2013) it-terminu ta' tmint (8) ijiem tax-xoghol jibda ghaddej minn dakinhar illi l-Avukat Generali jkun ircieva l-atti u mhux mill-ghada. Dan ifisser, kwindi illi t-terminu kien jiskadi l-Gimgha, tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (2014). Skont it-timbru fuq ir-rikors tal-appell dan gie ipprezentat it-Tnejn, sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (2014) wara illi kien digà ghalaq it-terminu kif previst bl-artikolu 417 fuq imsemmi. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-appellat jisthoqq illi tkun milhuqa.

F'dan il-kaz il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn toqghod tiddelibera dwar it-tieni eccezzjoni, dik illi l-Avukat Generali m'ghandux appell fuq il-fatti minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza originali taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-appellat, tiddikjara l-appell tal-Avukat Generali bhala prezentat "fuori termine" u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------